Minuti tal-38 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 19 ta' Awissu, 2015.
Il-laqgha nbdiet hin 4.05pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley-Ann Cecchini ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata
Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u talbet li tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-37 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Giet imsemmija t-tragedija li sehhet ftit tal-granet ilu fejn familja Maltija li ghandha residenza gewwa l-lokalita' tilfet lil bintha b'mod tragiku waqt li kienu jinstabu l-Awstrija. Sar referenza ghall-fatt li din it-tifla gie li kienet taghti s-sehem taghha b'mod volontarju waqt il-krejazzjoni tal-Infiorata. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-Arcipriet sabiex il-Quddiesa ta' Radd il-Hajr fl-okkazjoni ta' Jum l-Gharb issir ghal ruh din it-tifla filwaqt li ghandha ssir minuta silenzju waqt is-serata ta' Jum l-Gharb.

**2.0 Servizz gdid ghall-Anzjani**

2.1 Is-Sindku aggorna b'zviluppi li kien hemm dwar is-servizz ghall-anzjani fil-lokalita' mil-Kazin ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Hu qal li kien issugerit mill-Gvern li dan is-servizz ghandu jsir permezz ta' ftehim PPP, fejn r-rwol tal-Gven ikun li jipprovdi l-facilita' finanzjarja, l-Kunsill li ser ikun qed jiffacilita' billi jikri l-post u l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni tipprovdi l-facilita'. Kien spjegat li b'dan il-mod il-Kunsill ser ikun qed jircievi flus minghand il-Gvern sabiex jaghmel tajjeb u jhallas lill-Ghaqda Muzikali tal-facilita'. Aktar dettali ghandhom jinghataw f'laqgha li jmiss fejn ghandhom ikunu mistiedna membri tal-Ghaqda Muzikali sabiex issir diskussjoni u jkun spjegat il-kuncett propost tas-servizz u jista' jithaddem. Servizz simili ta' 'Day Centre' qed jinghata mill-Kazin tal-Banda Prekursur tax-Xewkija.

Tqajjem il-punt tas-survey li kellu issir u kien isuggerit li dan ghandu jinkorpora fih ukoll il-bzonnijiet tal-anzjani u familji bit-tfal b'mod specjali. Kien hemm qbil unanimu li dan ghandu issir minn ditta privata sabiex il-Kunsill ikollu ghodda professjonali f'idejh fuq x'hiex imexxi. Kien suggerit li ix-xoghol taghmlu l-agenzija M. FSADNI & Associates. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill tkellem ukoll dwar servizzi ohra fosthom ta' trasport bil-karozza tal-Kunsill sabiex jehodhom fuq qadjiet taghhom u dan permess ta' appuntament minn qabel u jsir bil-hlas baxx sabiex dan is-servizz ikun aktar apprezzat. Waqt id-diskussjoni qam il-punt dwar min ser ihaddem is-servizz. Id-diskussjoni kompliet tevolvi dwar is-servizz ta' *handyman*. Il-Kunsill qabel li ghandu jesplora il-possibilita' li jimpiega jew jixtri servizz ta' *handyman* u jinkorpora parti mix-xoghol tieghu jkun is-servizz tal-Anzjani ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.3 Anthony Camilleri staqsa jekk fil-kazin tal-Banda hux ser ikun hemm lift. Is-Sindku spjega li ser ikun hemm kollox kif mitlub mill-KNPD inkluz rampi u lift.

## 3.0 Jum l-Gharb 2015

3.1 Is-Sindku spjega li minhabba li kien ix-xahar ta' Awissu u kien hawn il-fabbriki maghluqa l-monument ma setghax jitlesta.

3.2 Kien moqri il-program ta' Jum l-Gharb li jinkludi fih il-Quddiesa, tqeghid ta' kuruni quddiem il-monument ta' l-Isqof M. Molina, tqassim ta' premijiet, daqq mill-banda, partecipazzjoni tat-tfal tas-Summer Club, qari ta' poezija u diskorsi tal-okkazjoni u fl-ahhar riceviment.

3.3 Gew diskussjoni n-nominazzjoni tal-Premijiet kif segwenti:

3.4 Nominazzjoni Premju Gharb – Gew nominati Ruben Camilleri Cauchi – George Sultana u Charlene Attard, Maurice Cauchi, Fr. Michael Cauchi u Michael Bajada. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jinghata lil Fr. Michael Cauchi.

3.5 Nominazzjonijiet Premju Volontarjat Lokali – Gew nominati Fr. Joseph Tabone, Carmen Cassar, Familja Camenzuli (tat-Taljan), Bernardette Vella u George Micallef. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jinghata lil Fr. Joseph Tabone.

Fuq dan il-punt is-Sindku spjega li Fr. Joseph Tabone kien ghadda dokument li jinkludi fih attivitajiet li saru mic-Centru f'dawn l-ahhar 40 sena. Huwa ssugerixxa li dan jigi pubblikat f'forma ta' ktejjeb u jigi ipprezentat lil Fr. Tabone waqt is-serata ta' Jum l-Gharb bhala sorpriza. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.6 Nominazzjoni Premju Qlub Generuzi – Gew nominati l-familja Vella, Betty Farrugia u familja Xuereb. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jinghata lil familja Xuereb.

3.7 Premju Gharb Gozitan Cultural Award – Is-Sindku innomina lil Andrea Muscat li huwa nieda l-pagna Gozo Weather fuq il-facebook li hija tant popolari ghat-tbassir tat-temp u li ghaliha gie rikonoxxunt anke bhala l-ahjar pagna fuq facebook. Zied jghid ukoll li l-istudji tieghu fl-Universita' ta' Malta huma propju fuq dan. Il-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Andrea Muscat.

**4.0 Skeda ta' Pagamenti**

4.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

4.22pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

**5.0 Korrispondenza**

5.1 Minghand Daniel Grima fir-rigward ta' talba sabiex isiru tabelli/sinjali fi Triq l-Arcipriet G. Camilleri faccata tal-garage / store tieghu li jinsab fejn il-kantuniera ma' Triq il-Vizitazjoni minhabba li qed jiltaqa' ma' problem biex ihott l-affarijiet. Saret diskussjoni fejn Emanuel Muscat isugerixxa sabiex din issir waqt il-hinijiet tax-xoghol biss. Is-Sindku isugerixxa ukoll sabiex quddiem il-garange isir sinjal wiehed biss li tfisser loading/unloading. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lit-Transport Malta u l-Kunsill joqghod fuq il-parir taghhom.

5.2 Kwotazzjoni minghand 2cee Media fir-rigward ta' provista ta' dawl u sound ghal Jum l-Gharb li kienet tammonta ghal €190.00. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil 2cee Media.

5.3 Minghand l-Arcipriet fejn talab sabiex il-Kunsill jaghti l-kollaborazzjoni tieghu bhala parti mis-Summer Club 2015. Il-Kunsill qabel li jaghti l-kollabrazzjoni tieghu bhas-snin precedenti.

5.4 Minghand il-Europe Direct fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti l-ghajnuna tieghu waqt attivita' li ser issir fuq l-gholja ta' Ghammar fil-5 ta' Novembru, 2015 billi jisponsorja sigra ghall-prezz ta' €7.00. Il-Kunsill qabel li ghandu jisponsorja zewg sigrijiet.

5.5 Minghand Anthony Leneve-Roff li talab li ssir disabled parking fi Triq ta' Sdieri fejn joqghod. Emanuel Muscat qal li l-Kunsill huwa limitat ghal zewg disabled parkings u diga hawn tnejn fil-lokalita'. Is-Sindku qal li m'hemm l'ebda regola f'dan ir-rigward. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li ghandha ssir applikazzjoni sabiex isir dan il-parking.

5.6 Minghand l-MEPA dwar enforcement notice li inharget bin-numru EC00119/15.

5.7 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo19/2015 dwar Gbir ta' Skart. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill innota li qatt ma kien hawn ilmenti dwar il-gbir ta' skart li qed johloq inkonvenjent minhabba l-hinijiet ta' l-Iskola. L-unika problema li ghandu l-Kunsill dwar skart li qed jithalla barra nhar ta' Hadd. Anthony Camilleri qal li din hija problema tas-sajf u inutli li wiehed jaghmel xi tibdil issa li s-sajf wasal biex jispicca.

5.8 Emanuel Muscat semma li fi Triq ta' Sdieri fejn kien hemm il-gebel hemm hafna trabb. Is-Sindku qal li l-kuntrattur ser ikun qed jnehhi dan it-trabb.

5.9 Anthony Camilleri qal li fi Triq ta' Wied ir-Raghab hemm parti fuq in-naha tax-xellug int u niezel li hemm bzonn li jsirilha filata ohra ta' gebel. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir u ser isir xi tindif fuq il-gnub tat-triq mill-kuntrattur.

6.0 Sarert diskussjoni dwar il-kamera ta' Triq Trux u l-Kunsill qabel li issa din il-kamera ghandha titmexxa u tehel fi Sqaq il-Fgura.

6.1 Minghand il-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertaijiet Civili fejn is-Sindku gie mahtur membru tal-Kumitat Regjonali ta' Ghawdex fi hdan il-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali.

6.2 Il-Vici Sindku semmiet li kienet iltaqghet ma' studenta minn Spanja li giet Malta biex titghallem l-Ingliz. Hija sssugeriet sabiex il-Kunsill jorganizza korsijiet bhal dawn ghall-istudenti barranin. Saret diskussjoni fejn fost ohrajn Emanuel Muscat semma li biex taghmel dan trid ikollok tikkreja network qabel tkun tista' taghmel il-pubblicita' tieghu. Apparti dan trid tkun b'kollaborazzjoni ma' sidien ta' postijiet tal-kera. Il-Kunsill qabel li ghandu jidentifika x'ikun hemm bzonn li jsir f'dan ir-rigward.

6.3 Emanuel Muscat talab lis-Sindku sabiex jaghtih sommarju ta' dak li intqal qabel dahal hu ghal-laqgha. Is-Sindku tah xi dettalji pero' talbu sabiex dettalji ohra jkun jista' jarahom hekk kif jinhargu l-minuti.

**7.0 Aggornament**

7.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 16 ta' Settembru, 2015.

7.1 Il-laqgha spiccat hin 4.58pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv